**GVERN TA' MALTA**
MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

**Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jipproponi:**

Billi hija l-politika tal-Gvern li jħeġġeġ l-isport kif ukoll is-sehem fil-qasam soċjali ta' għaqdiet volontarji, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti proprjetà lill-iMġarr United Football Club b' titolu ta' emfitewsi temporanju, liema proprjetà hija deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim hawn anness ma' din il-Mozzjoni;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tal-artikolu 31 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b' dan riżolut illi l-proprjetà fuq imsemmija fl-iMġarr, kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim anness bħala DOK MFC, tiġi mogħtija b' titolu ta' emfitewsi temporanju lill-iMġarr United Football Club għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

**Onor. Clifton Grima**

**Ministru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni**

Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, Malta
**T** +356 2598 2860 **M** +356 9947 7961 **E** clifton.grima@gov.mt
**www. education.gov.mt**

**GVERN TA' MALTA**
MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Lista ta' Dokumenti Annessi mal-Mozzjoni Parlamentari:


| Tip ta' Dokument | Paġni |
|---|---|
| DOK MFC – Rexxissjoni, Emfitewsi Temporanja u Ftehim Anċillari | 1 sa 10 |
| DOK D – Skrittura Privata bejn Mġarr United Football Club u Mġarr Tennis Club | 11 sa 13 |
| DOK LR – Form E tar-reġistru tal-Artijiet tat-tlett porzjonijiet f'daqqa | 14 sa 17 |
| DOK LR 1 – Site Plan tar-Reġistru tal-Artijiet li turi t-tennis court u faċilitajiet anċillari | 18 |
| DOK P – Pjanta PD 2009_30_1 | 19 |
| DOK P1 – Pjanta PD 2009_30_1 | 20 |
| DOK R – Riżoluzzjoni ta' Mġarr United Football Club | 21 sa 22 |
| DOK R1 – Riżoluzzjoni ta' Mġarr Tennis Club | 23 sa 24 |
| DOK S – Stima tal-Perit Johann Farrugia | 25 sa 26 |
| DOK S1 – request for Calculation of Subsidy ta' SportMalta | 27 |
| DOK X – Pjanta PD 2009_30 | 28 sa 29 |


Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, Malta
**T** +356 2598 2860 **M** +356 9947 7961 **E** clifton.grima@gov.mt
**www. education.gov.mt**

DOK. MFC

Illum,

Att Numru:

**Rexxissjoni, Enfitewsi Temporanja u Ftehim Ancillari**

Ins:

Vol.I.:

Quddiemi Nutar Dottor Joe Cilia, duttur tal-liġi, qegħdin jidhru personalment, wara li vverifikajt l-identità tagħhom permezz tad-dokumenti uffiċjali hawn taħt indikati:-

Mill-ewwel parti:-

li qed jidher fuq dan l-Att fil-kwalità tiegħu ta' Chairperson, għan-nom u in rappreżentanza ta' **SportMalta** (bħala s-suċċessur fit-titolu tal-Kunsill Malti għall-iSport), ta' Cottonera Sports Complex, Cottonera Avenue, Bormla BML 9020; kif debitament awtorizzat:-

- aktar 'l isfel imsejjaħ "**SportMalta**".

Mit-tieni parti:-

Emanuel Zarb, miżżewweġ, bin il-mejtin Carmelo Zarb u Antonia Zarb nee Zahra, imwieled il-Gżira fid-19/12/1962 u joqgħod f'numru sitta u erbgħin (46), Zarb Court, Flat numru erbgħa (4), Triq il-Għajn, Swieqi, Christian Paul Muscat, miżżewweġ, bin Gerald sive Gerrard Muscat u Salvina sive Sylvia Muscat nee' Borg, imwieled il-Pietà fl-20/5/1981 u residenti numru wieħed u erbgħin (41), Muscat Building, Triq il-Kbira, Mġarr, Malta u Joseph Vella, miżżewweġ, bin il-mejtin Louis Vella u Rose Vella nee Vella, imwieled l-Imġarr, Malta fl-ewwel ta' Gunju, tas-sena elf disgħa mija u tnejn u sittin (1/6/1962) u residenti f'numru mija u erbgħa u tletin (134), Santa Maria, Triq S.H. Luke, l-Imġarr (Karti tal-identità numri 45063M, 314481M u 339662M rispettivament), fil-kwalità tagħhom ta' President, Segretarju u Teżorier rispettivament ta' **Mġarr United Football Club** ta' Triq il-Magħkuba, Mġarr [b'numru tar-registrazzjoni ma' SportMalta ittri SM sbarra ittra C sbarra numru zero ħamsa wieħed sbarra elfejn u disgħa (SM/C/051/2009)] kif debitament awtorizzati permezz ta' riżoluzzjoni tal-kumitat hawn annessa u mmarkata "Dokument R"

-- aktar 'l isfel flimkien u solidalment bejniethom imsejħin "**il-klabb**".



CG

Minni Nutar identifikati permezz tad-dokumenti uffiċjali fuq indikati.

Qed jigi hawn premess illi l-komparenti partijiet SportMalta u Mgarr United Football Club qegħdin jirreferu għall- kuntratt ta' enfitewsi temporanja iffirmat bejniethom fis-sittax ta' Settembru, tas-sena elfejn u ħdax (16/9/2011) ippubblikat minni Nutar sottoffirmat li permezz tiegħu SportMalta għaddiet b'titolu t'enfitewsi temporanja għall-perjodu ta' disgħa u erbgħin (49) sena b'effett mill-istess data indikata, lill-iMġarr United Football Club li bl-istess titolu aċċetta u akkwista biċċa art (konsistenti *f'football ground* u art anċillari miegħu,) fi Triq il-Plejju, Mġarr, irreġistrata bħala Tenement ittra "G" numru tnjen tmienja zero ħamsa tmienja (G28058) tal-kejl ta' circa sitt elef disgħa mija u ħamsin metru kwadri (6,950m$^2$) li tikkonfina mill-Punent ma' Triq Andrea Deguara, mill-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u minn Nofsinhar ma' Triq il-Plejju (minn fejn hija accessibbli wkoll), kif murija delineata bl-aħmar fil-pjanta annessa u mmarkata Dokument "X", bl-ittri "PD" u bin-numru tnejn żero żero disgħa_ tlieta żero (P.D. 2009_30) mal-istess imsemmi att pubbliku, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, u bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha hemm indikati.

U **in forza tal-ewwel parti** ta' dana l-att, il-komparenti SportMalta u Mġarr United Football Club qegħdin jirrexxindu il-fuq imsemmi kuntratt t'enfitewsi bonarja ippubblikat minni Nutar sottoffirmat fis-sittax ta' Settembru, tas-sena elfejn u ħdax (16/9/2011), b'effett immedjat u b'hekk il-komparenti partijiet ma jibqalhom l-ebda drittijiet ossia pretenzjonijiet kontra xulxin naxxenti minn jew in konnessjoni mal-istess att pubbliku li qed jiġi rexiss.

**In forza tat-tieni parti** ta' dana l-att, il-komparenti SportMalta qiegħdha tikkonċedi u tassenja b'titolu t'enfitewsi temporanja għal perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena b'effett mill-lum, lil fuq imsemmi Mġarr United Football Club, li bl-istess titolu qiegħed jaċċetta u jakkwista :

(a) biċċa art (konsistenti *f'football ground* u art ancillari miegħu,) fi Triq il-Plejju, Mġarr, irreġistrata bħala Tenement ittra "G" numru tnjen tmienja zero ħamsa tmienja (G28058) tal-kejl ta' circa sitt elef disgħa mija u ħamsin metru kwadri (6950mk) li tikkonfina mill-Punent ma' Triq Andrea Deguara, mill-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u minn Nofsinhar ma' Triq il-Plejju (minn fejn hija aċċessibbli wkoll), bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, kif murija delineata fil-kopja tal-pjanta li qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument "X", bl-



CG

ittri "PD" u bin-numru tnejn żero żero disgħa_tlieta żero (P.D. 2009_30); u

(b) is-sit tal-kejl ta' circa elf tlett mija u disgħa u sittin metri kwadri (1,369 m.k.), fi Triq l-Alwiża kantuniera ma' Triq il-Plejju, l-iMġarr, Malta, konfinanti minn-Nofs in-Nhar ma' Triq il-Plejju, mill-Lvant u mill-Grigal ma' Triq l-Alwiża, jew irjieħ verjuri, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, kif murija aħjar u **mmarkata bl-ittra A**, fiż-żewġt (2) kopji tal-pjanti tal-*Estate Management & Business Development Unit* tal-Awtorità tal-Artijiet it-tnejn immarkati ittri P.D. elfejn u disgħa sottosink tletin sottosink wieħed (PD2009_30_1), u li kopja tagħhom qed jiġu hawn annessi u mmarkati Dokumenti 'P' u 'P1' ;

(c) it-*tennis courts* u faċilitajiet anċillari, fi Triq L-Alwiża kantuniera ma' Triq il-Plejju, fl-iMġarr, Malta, tal-kejl ta' circa tmin mija u għoxrin metri kwadri (820m.k.), konfinanti mill-irjiħat kollha ma' proprjetà tal-Gvern ta' Malta, jew l-aventi kawża tiegħu, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, kif delineata bl-aħmar fis-*site plan* tar-Reġistru tal-Artijiet, li qed tiġi hawn annessa u mmarkata 'LR1', u kif **mmarkata bl-ittra B** fiż-żewġ (2) kopji tal-pjanti tal-*Estate Management & Business Development Unit* tal-Awtorità tal-Artijiet it-tnejn immarkati ittri P.D. elfejn u disgħa sottosink tletin sottosink wieħed (PD2009_30_1), u li kopja tagħhom qed jiġu hawn annessi u mmarkati Dokumenti 'P' u 'P1' ;

Għal kull fini u effett tal-liġi l-imsemmijin tlett (3) porzjonijiet fuq deskritti jinsabu murija bħala porzjoni waħda sħiħa delineata bl-aħmar fis-site plan tar-Registru tal-Artijiet li tifforma parti mill-kopja tal-Form E tar-Registru tal-Artijiet li tinsab annessa ma' dana l-att u mmarkata dokument 'LR',

Din il-konċessjoni enfitewtika qiegħda ssir u tiġi aċċettata bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet li ġejjin, u cioè:-

(1) Versu ċ-ċens annwu u temporanju komplessiv u globali ta' **sitta u disgħin elf mitejn u sebgħa u ħamsin ewro (€96,257)** għall-perjodu ta' ħamsa u erbgħin sena (45) dekorribbli minn dana l-att, liema ammont ta' ċens annwu u temporanju qed jiġi mnaqqas b'perċentwal ta' ħamsa u disgħin fil-mija (95%) minn SportMalta bħala sussidju mogħti minn SportMalta ekwivalenti għal wiehed u disghin elf erbgħa mija u erbgħa u erbgħin ewro u ħmistax -il ċenteżmu (€91,444.15) b'dana għalhekk li l-ammont ta' ċens dovut mill-klabb kull sena u li għandu jitħallas kull sena bil-quddiem huwa l-ammont t'**erbat elef tmin mija u tnax il-ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€4,812.85)**. F'għeluq kull



CG

perjodu ta' ħames (5) snin mil-llum, dan l-ammont ta' ċens għandu jiġi rivedut b'żieda ta' għaxra fil-mija (10%) tac-ċens eżistenti meta ssir ir-reviżjoni, biex b'hekk, iċ-ċens li jitħallas għal kull ħames (5) snin wara kull reviżjoni, ikun iċ-ċens hekk rivedut. Dan l-ammont ta' ħlas ta' ċens huwa skont il-valutazzjoni tal-Perit Johann Farrugia li qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument 'S', u kif stipulat fir-*Request for calculation of valuation subsidy* ta' SportMalta li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument 'S1'.

(2) Iż-żmien tal-konċessjoni enfitewtika jista' jiġi mġedded favur il-klabb fl-għeluq tiegħu għal żmien ieħor, kemm il-darba t-tiġdid ta' żmien jiġi approvat permezz ta' riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati skont l-Artikolu wieħed u tletin (31) tal-Kapitolu ħames mija u tlieta u sebgħin (KAP 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

(3) Il-ħlas taċ-ċens jitħallas lil SportMalta u jitqiegħed f'fond imsejjaħ *Sports Fund* li jkun amministrat minn SportMalta.

(4) SportMalta għandu d-dmir li jara li l-kundizzjonijiet kollha ta' dana l-att jiġu osservati mill-klabb. F'każ ta' ksur ta' xi kundizzjoni stipulata f'dan l-Att, it-titolu legali tal-istess proprjetà jerġa' jirritorna lura lill-SportMalta.

(5) Il-manutenzjoni kollha tal-proprjetà ttrasferita tkun fil-karigu tal-klabb mingħajr l-ebda dritt ta' kumpens.

(6) Il-klabb għandu l-obbligu li jżomm il-proprjetà fi stat tajjeb u jagħmel dawk ix-xogħlijiet u tiswijiet ordinarji u straordinarji kollha neċessarji tul il-perjodu kollu ta' din il-koncessjoni.

Kwalunkwe xogħol strutturali għandu jsir biss wara li l-klabb jikseb il-permess bil-miktub mingħand SportMalta sabiex il-klabb ikun jista' jwettaq dan ix-xogħol. Il-klabb ma jistax japplika għand l-Awtorità tal-Ippjanar u/jew iwettaq xogħol strutturali mingħajr ma jkollu l-permess bil-miktub ta' SportMalta.

(7) Dawn l-istess xogħlijiet jew kwalunkwe benefikati jew miljoramenti magħmulin isiru *ipso facto* tal-SportMalta u l-klabb m'għandu fl-ebda żmien, dritt ta' kwalunkwe kumpens għal kwalunkwe benefikati jew miljoramenti li jista' jkun għamel fl-imsemmija proprjetà.

(8) Il-proprjetà tkun għall-użu wkoll tal-Youth Nursery tal-istess klabb u fil-ħinijiet tal-iskola, bi ftehim, il-proprjetà tinfetaħ għall-użu tat-tfal ta' l-iskola. Jekk ma jkunx hemm qbil, il-kwistjoni tmur quddiem SportMalta u d-deċiżjoni tiegħu



CG

tkun finali.

(9) Il-klabb huwa direttament responsabbli lejn SportMalta li jirrapreżenta lill-Ministru jew lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-iSport. Għal dan il-għan kull persuna inkarigata minn SportMalta, għandha titħalla tidħol biex tagħmel, f'każ ta' bżonn, spezzjoni tal-faċilitajiet sportivi ossia l-proprjetà trasferita.

(10) SportMalta, għandu jkollu d-dritt li jagħmel użu b'xejn mill-faċilitajiet sportivi tal-klabb għall-perijodu ta' mitejn (200) siegħa b'kollox fis-sena. It-tqassim ta' dawn is-siegħat, jiġifieri lil min jingħataw, kif ukoll meta jiġu wżati, hija deċiżjoni ta' SportMalta. SportMalta għandu l-obbligu li jagħti pre-avviż ta' mill-inqas xahrejn lill-klabb li għandu t-titolu legali tal-faċilità sportiva.

(11) Fl-użu tal-faċilitajiet sportivi tal-klabb, mgħandux ikun hemm diskriminazzjoni minħabba kulur, razza, reliġjon, politika, sess jew ġibdiet sesswali.

(12) Il-proprjetà għandha tintuża esklussivament għall-attività sportiva, li tista' tinkludi uffiċċini amministrattivi għall-attività sportiva, *gymnasiums*, *sport clinics*, u faċilità ta' bottegin għall-membri, iżda mhux b'tali mod li jibdel in-natura prinċipali tal-kumpless sportiv. Il-klabb irid jikseb permess minn SportMalta sabiex ikun jista' jopera l-bottegin.

(13) Il-klabb ma jistax iċedi, jissulloka jew bi kwalunkwe titolu ieħor, jittrasferixxi il-proprjeta' in kwistjoni lil terzi persuni, mingħajr l-approvazzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Il-klabb lanqas ma jista', mingħajr tali approvazzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti jidħol fi sħubija ma' terzi dwar it-tmexxija tal-proprjeta' imsemmija ħlief, u limitatament, għal xi faċilitajiet tal-bottegin, u dan dejjem bl-approvazzjoni ta' SportMalta, u basta ma tinbidilx in-natura prinċipali tal-kumpless sportiv, kif stipulat fi klawżola tnax (12) ta' dan l-att. Din il-kundizzjoni ma tapplikax ghal ftehim privat li gie iffirmat mill-klabb ma' iM-ġarr United Foorball Club ma' l-iMġarr Tennis Club, li kopja taghha tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument 'D'.

(14) Il-klabb għandu l-jedd li jiġbor miżati xierqa u raġonevoli għall-użu temporanju tal-faċilitajiet li jinstabu fis-sit enfitewtiku. SportMalta għandu l-jedd li jara li din il-miżata hi waħda xierqa u raġonevoli.

(15) Il-klabb għandu jkun irreġistrat mal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti (AIMS) u jforniha b'dak kollu stabbilit fl-Avviżi Legali numru mitejn u sebgħa u għoxrin tal-elfejn



CG

erbgħa u għoxrin u mija u wieħed u erbgħin tal-elfejn u tlieta u għoxrin (A.L.227/2024) u (A.L.141/2023) jew kull liġi oħra li tieħu post dan l-Avviż Legali.

(16) Il-klabb għandu jagħmel polza tas-sigurtà dwar riskji għal terzi persuni jew kontra l-ħsarat fl-imsemmija proprjetà.

(17) Jekk il-klabb ixolji jew iżarma, it-titolu fuq l-imsemmija proprjetà jintemm *ipso facto* u l-proprjetà tgħaddi lura għand SportMalta minnufih, bit-tibdil kollu li jkun seħħ fiha.

(18) Kemm-il darba fejn jeżistu bandli ossia playing field jiġi żviluppat, il-klabb għandu jerġa' jagħmel playing field tal-istess daqs fl-istess porzjoni ta' art assenjata lill-klabb.

Bħala garanzija tal-ħlas tal-imsemmi ċens annwali u temporanju u tal-eżekuzzjoni tal-obbligi l-oħra li joħorġu minn dan l-att, il-klabb qiegħed jipoteka favur ta' SportMalta, aċċettanti, l-beni kollha tiegħu in ġenerali preżenti u futuri oltre Ipoteka Speċjali u Privileġġ Speċjali skont il-liġi, fuq il-proprjetà b'dan l-att trasferita. Għall-fini tal-iskrizzjoni ipotekarja, qed tiġi ffissata s-somma ta' **sitta u disgħin elf mitejn u sebgħa u ħamsin ewro (€96,257)** bejn il-komparenti partijiet.

Għall-fini tal-Att numru wieħed u tletin tas-sena elf disa' mija u wieħed u tmenin (ATT XXXI/1981) u għall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti tal-elf disa' mija tlieta u disgħin (1993), qiegħed jiġi dikjarat illi:-

In kwantu għall-proprjetà fuq deskritta taħt il-paragrafu (a), qiegħed jiġi dikjarat illi l-proprjetà fuq deskritta ġiet mgħoddija lill-Kunsill Malti għall-iSport (predeċessur ta' SportMalta) permezz tal-Avviż Legali numru mija u tmienja u sebgħin tas-sena elfejn u disgha (A. L. 178/2009);

In kwantu ghall-proprjetà fuq deskritta taħt il-paragrafu (b), din ġiet akkwistata minn SportMalta mingħand il-Gvern ta' Malta b'titolu ta' Trasferiment ta' Drittijiet u Obbligi in forza ta' kuntratt ippubblikat minn-Nutar Dottor Roderick Gatt fit-tmintax ta' Diċembru, tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (18/12/2024);

In kwantu għall-proprjetà fuq deskritta taħt il-paragrafu (c), din ġiet mgħoddija lil SportMalta permezz tal-Avviż Legali numru mija u tmienja u sebgħin tas-sena elfejn u disgħa (A. L. 178/2009);

Qed jiġi ddikjarat ukoll illi l-ebda ħlas ta' taxxa tal-bolla mhi



CG

dovuta fuq dan l-Att mill-klabb akkwirenti stante illi dan it-trasferiment odiern ġie debitament eżentat permezz tal-Avviż Legali numru mija u għaxra tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (A.L. 110/2024).

Għall-fini tat-Taxxa fuq id-Dħul [Kapitlu numru mija u tlieta u għoxrin (123) tal-Liġijiet ta' Malta] dan it-trasferiment huwa eżentat mill-ħlas ta' taxxa fuq il-qliegħ minn SportMalta u dan skont l-artikolu numru erbgħa u tletin (34) tal-Att dwar l-Isport, Kapitolu numru erba' mija ħamsa u ħamsin (Kap 455) tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini tal-Kapitlu numru mitejn u sitta u erbgħin (Kap.246) tal-Liġijiet ta' Malta dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti, qed jiġi ddikjarat mill-akkwirenti nomine illi l-klabb jikkwalifika biex jakkwista il-proprjetà li qiegħda tiġi ttrasferita aktar 'l fuq, mingħajr il-bżonn ta' permess tal-akkwist ta' proprjetà immobbli minn persuni mhux residenti peress illi l-istess klabb, kif ukoll l-akkwirenti nomine qed jiddikjaraw li huma residenti ċittadini tal-Unjoni Ewropea u li l-klabb kien stabbilit f'Malta u l-akkwirenti nomine għexu f'Malta għal perjodu kontinwu matul ħajjithom, ta' ħames (5) snin. Din id-dikjarazzjoni qiegħda ssir wara li jiena Nutar sottoffirmat spjegajtilhom l-importanza tagħha skont il-liġi.

Id-drittijiet u l-ispejjeż ta' dan il-kuntratt għandhom jitħallsu mill-klabb.

Ai termini ta' l-Att ta' Reġistrazzjoni tal-Artijiet, jiena Nutar, hawn taħt iffirmat, niddikkjara li l-propjetà immobbli ttrasferita fuq dana l-att taqa' f'area ta' Reġistrazzjoni Obbligatorja u parti minnha tinsab irreġistrata taħt iċ-Ċertfikat fit-Titolu bin-numru tlieta tmienja zero zero wieħed ħamsa tmienja ħamsa (38001585) u parti minnha ma tinsabx irreġistrata u dan kif jirriżulta mill-kopja tal-Form E li qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument 'LR'.

Dan il-kuntratt mhu bl-ebda mod jaħfer u/jew jippreġudika d-dritt ta' SportMalta għal kwalunkwe ammont dovut lilu sallum minħabba l-okkupazzjoni tal-istess proprjetà.

Il-komparenti SportMalta u Mġarr United Football Club qegħdin jaqblu li dan l-att jikkostitwixxi l-ftehim kollu u esklussiv bejn il-komparenti SportMalta u l-komparenti Mġarr United Football Club u huwa dan l-att biss li mil-lum 'il quddiem ser jirregola r-relazzjoni legali ta' bejn il-komparenti partijiet.



CG

Qiegħed jiġi dikjarat illi SportMalta għandu d-dritt li jittrasferixxi l-imsemmija propjetà lil enitajiet sportivi rreġistrati ma' SportMalta taħt l-att tal-ISports (KAP 455) tal-Liġijiet ta' Malta u qiegħed isir wara l-approvazzjoni ta' dan it-trasferiment permezz ta' riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati skont l-Artikolu wieħed u tletin (Art 31) tal-istess Kapitolu numru ħames mija u tlieta u sebgħin (KAP. 573).

Fit-**Tielet parti ta' dana l-att** qegħdin jidhru ukoll:

Kevin Paris, miżżewweġ, iben il-mejjet Emanuel Parnis u Maria Assunta Parnis nee Fava, imwieled Sliema fit-23/07/1970 u residenti f'Żefir, Il-Beżbiżija Area, Mosta, Malta, karta tal-identità numru 312870(M), Karl Andrew German, miżżewweġ, iben il-mejjet Lino John German u Maureen Valerie German nee Flynn, imwieled l-Ingilterra fil-05/06/1960 u residenti f'Dar tal-Grievel, Triq is-Sagra Familja, il-Bidnija, Mosta, karta tal-identità numru 444681(M), li qegħdin jidhru fuq dan l-att fil-kwalità taghhom ta' President u Segretarju rispettivament, għan-nom u in rappreżentanza ta' **Mġarr Tennis Club** [b'numru tar-Registrazzjoni ma' SportMalta ittri 'SM' sbarra ittra 'C' sbarra wieħed sitta tmienja (SM/C/168), kif debitament awtorizzati permezz ta' riżoluzzjoni tal-kumitat hawn annessa u mmarkata "Dokument R"

- aktar 'l isfel flimkien u solidalment bejniethom imsejħin "**il-klabb tat-Tennis**".

Il-komparenti Mġarr United Football Club u Mġarr Tennis Club qegħdin jirriferu għall-ftehim privat li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument 'D' iffirmat bejniethom fit-tlieta ta' Marzu, tas-sena korrenti (3/3/2025), illi permezz tagħha l-iMġarr Tennis Club qabel illi jirtira l-applikazzjoni li għamel ma' SportMalta fir-rigward tat-Tennis u l-Pickleball Court li llum permezz tat-Tieni Parti ta' dana l-att ġew ittrasferiti lill-iMġarr United Football Club [il-proprjetà deskritta taħt il-paragrafu (c) fit-Tieni Parti ta' dana l-att odiern] sabiex din setgħet tiġi ttrasferita lill-iMgarr United Football Club u dan bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet hemm stipulati.

Oltre dan, SportMalta bħala parti minn dana l-att odiern qiegħda tieħu konjizzjoni tal-istess ftehim privat, soġġett illi tkun hi li finalment tagħti l-approvazzjoni tagħha jew mod ieħor għal dak propost miż-żewġt entitajiet bejniethom.

Stante illi n-numru ta' dokumenti annessi ma' dana l-att huwa t' aktar minn ħamsa (5), qed jiġi hawn anness elenku



CG

tad-dokumenti annessi ma' dana l-att li qed jigi immarkat Dokument 'E' għal kull fini u effett tal-liġi.

Magħmul, moqri u ppublikat wara ċerjorazzjoni skont il-liġi f'Malta,



CG

**ELENKU TAD-DOKUMENTI – DOK E**

Dok D: Skrittura Privata bejn Mġarr United Football Club u Mġarr Tennis Club;

Dok R: Riżoluzzjoni ta' Mġarr United Football Club;

Dok R1: Riżoluzzjoni ta' Mġarr Tennis Club;

Dok X: Pjanta (Kopja) P.D. 2009_30;

Dok LR: Kopja tal-Form E tar-Registru tal-Artijiet tat-tlett porzjonijiet f'daqqa;

Dok LR1: *site plan* tar-Registru tal-Artijiet li turi t-tennis court u faċilitajiet anċillari.

Dok P u Dok P1: Pjanta PD 2009_30_1;

Dok S: Stima tal-Perit Johann Farrugia;

Dok S1: Request for Calculation of Subsidy ta' SportMalta



CG

DOK. D

Illum 3 ta' Marzu 2025

Ftehim milhuq bejn

MGARR UNITED FOOTBALL CLUB magħruf bħala l-Football Club
u
MGARR TENNIS CLUB magħrufa bħala t-Tennis Club

flimkien magħrufa bħala l-Clubs.

Qabel xejn il-partijiet jippremettu s-segwenti:

1. Illi fis-16 ta' Settembru 2011 il-Football Club iffirma kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Joe Cilia mal-Kunsill Malti għall-Isport (illum SportMalta) fejn ingħata b'titolu ta' enfitewsi mingħand dan tal-aħħar, għal perjodu ta' disgħa u erbgħin sena b'effett mid-data tal-att, biċċa art konsistenti f'football ground u art anċillari miegħu), fi Triq il-Plejju, Mgarr tal-kejl ta' circa 6950 metri kwadri.

2. Illi fuq din l-art mogħtija lill-Football Club hemm xi kmamar mibnija, u uħud minn dawn il-kmamar qegħdin jintużaw mit-Tennis Club liema kmamar ilhom jintużaw minn ferm qabel il-kuntratt imsemmi b'titolu validu fil-Ligi.

3. Biswit l-istess kmamar hemm tennis u pickleball courts li t-Tennis Club qiegħed fi proċess ma' SportMalta sabiex jingħataw lilu.

4. Illi l-Football Club qiegħed fi proċess li jkabbar il-faċilitajiet sportivi tal-istess Club u laħaq ftehim skont il-kundizzjonijiet hawn aktar 'l isfel imsemmija mat-Tennis Club dwar il-vertenzi eżistenti bejniethom. Jekk xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet tinkiser dan il-ftehim ma jibqax japplika.

5. Il-Clubs qablu bejniethom li t-Tennis Club jirtira l-applikazzjoni li għandu ma' SportMalta għar-rigward tat-Tennis Court u l-Pickleball court, jirilaxxa l-pussess tal-kmamar li qegħdin jintużaw mit-Tennis Club lil Football Club u in kontrakambju it-Tennis Club jingħata kamra jew kmamar tal-kejl komplessiv ta' sittin metru kwadru fil-viċinanzi tat-Tennis Court u Pickleball Court. Il-lokazzjoni tal-kmamar tiġi maqbula bejn iż-żewg partijiet.

**GĦALDAQSTANT il-Partijiet resqu fuq dan l-att ta' transazzjoni u li permezz tiegħu qegħdin jaqblu:**

1. It-Tennis Club jirtira l-applikazzjoni li għamel ma' SportMalta għar-rigward tat-Tennis u Pickleball Court u biex jiffacilita` l-affarijiet u b'sens ta buon viċinat u rieda tajba, din l-applikazzjoni tiġi trafserita fuq il-Football Club biex tiffaċilita l-applikazzjoni/jiet għat-tkabbir tal-faċilitajiet sportivi msemmija b'dan illi meta jitlesta l-proġett, it-tennis court, il-pickleball court u il-clubhouse



CG

il-ġodda jiġu trasferiti lit-Tennis Club bl-istess titolu li il-Football Club ser ikollu taħt SportMalta.

2. Il-Football Club jobbliga ruħu li malli tiġi approvata l-espansjoni tal-faċilitajiet sportivi huwa jikkommetti li (1) jibni tennis court b'tul ta' 34.75 metri u wisa' ta' 16.45 metri u jekk it-Tennis Court jinbena ġewwa (indoor tennis court), l-għoli jrid ikun tal-inqas 9 metri; (2) pickleball court b'tul ta' 18-il metru u wisa ta' 9 metri u jekk il-Pickleball Court jinbena ġewwa (indoor Pickleball court), l-għoli jrid ikun tal-inqas 6 metri; u (3) clubhouse tal-kejl ta' 60 metru kwadru. Il-Clubs qegħdin jaqblu li meta jiġi għad-disinn tal-faċilitajiet huma jaslu fi ftehim dwar liema għandu jkun l-aħjar disinn u li tali disinn u bini jkun konformi mar-regoli bażiċi għall-istess. Tali bini għandu jsir fl-istess ħin li jkun qed jinbena l-kumpless sportiv tal-Football Club u mhux jitħalla għall-aħħar fl-ordni ta' kif isir il-proġett u dejjem għandu jkun hemm konsultazzjoni dwar il-fażi tal-proġett u l-andament tal-istess. B'dan il-għan il-Football club qed jobbliga ruħu mat-Tennis Club illi mill-approvar tal-espansjoni u/jew tal-proġett, liema minnhom jiġi l-ewwel, sat-tlestija tal-faċilitatjiet tat-Tennis Club imsemmija f'dil-klawżola, m'għandhomx jgħaddu aktar min tlett snin għat-tlestija tal-istess facilitajiet tal-istess Tennis Club.

3. It-Tennis Club qed jobbliga ruħu li jivvaka mill-kmamar fejn qiegħed malli l-Football Club joffrilu clubhouse alternattiv fil-viċinanzi tat-tennis courts. Il-post ta' dawn il-kmamar jiġi maqbul bejn iż-żewġ partijiet.

4. Sakemm isir l-iżvilupp ta' tkabbir, it-Tennis Club irid isib post alternattiv mingħajr ebda kontribut finanzjarju daparti tal-Football Club wara li jingħata preavviż minimu ta' tliet xhur u wara li jkunu ħarġu l-permessi tal-iżvilupp u/jew tat-tkabbir; skont liema waħda minnhom tiġi l-ewwel.

5. It-Tennis Club lest li jikkontribwixxi finanzjarjament sa massimu ta' ħmistax-il elf euro għall-iżvilupp tal-proprjeta' li sejra tkun użata minnhom.

6. Dan il-ftehim huwa validu għal sentejn mil-lum u huwa soġġett għall-approvazzjoni ta' SportMalta u jista' jiġi estiż bi ftehim bil-miktub bejn il-partijiet.

7. F'każ illi SportMalta ma tgħaddix l-art tat-Tennis Court u l-Pickleball court lil-Fottball Club fi żmien sentejn il-posizzjoni legali tal-partijiet terġa' tiġi għal dik ta' qabel dan il-ftehim.

8. F'każ illi SportMalta tgħaddi l-art tat-Tennis Court u l-Pickleball court lil-Football Club iżda l-iżvilupp u/jew il-proġett tat-tkabbir tal-Football Club ma jseħħx, il-Football Club qed jobbliga ruħu li t-Tennis Club ikollu dritt jibqa' juża it-Tennis Court u l-Pickleball Court għal perjodu sħiħ li jkun stabbilit fil-ftehim bejn SportMalta u l-Fottball Club rigward l-istess Tennis court u Pickleball court.



CG

Kevin Paris (ID. No.0312870M)
for and on behalf of Mġarr Tennis Club

Karl German (ID. No 0444681M )
for and on behalf of Mġarr Tennis Club

Emanuel Zarb (ID. No.45063M )
for and on behalf of Mġarr United Football Club

Chris Muscat (ID. No.314481M )
for and on behalf of Mġarr United Football Club

Joseph Vella (ID. No 339662M.)
for and on behalf of Mġarr United Football Club

DOK. LR

# LAND REGISTRATION AGENCY

DATE: 16th May 2025

REPLY FORM E (ATTACHED) NUMBER: 9497

REGARDING PROPERTY: Property Triq Andrea Deguara c/w Triq l-istaguni c/w Triq il-Plejju, Mgarr Malta.

REQUESTED BY: Notary Dr. Joe Cilia

LIST OF ATTACHED DOCUMENTS: Certificate 38001585 and plan

**REPLY COVERS PERIOD TO: 12th May 2025**

1. Property as marked on plan 387224E LR399418 is in a registration area as from 01/02/1987. In parti t forms part of title 38001585 as per certificate and plan attached and in part it is not registered.
2. Please note that there is no legend and level marked on the plan attached to this Form E.
3. *If plan is used for future registration it will be considered to be valid if it is in accordance with subsidiary legislation 296.08* END

16/5/25

LAND REGISTRY OFFICIAL - SIGNATURE
f/LAND REGISTRAR

Malcolm Pisani
Unit Co-Ordinator
Land Registration Agency

RUBBERSTAMP

The Reply to this Search Form is not valid
(a) if reply is given in writing;
(b) if any words are struck off or corrected in any way;
(c) if any type of correcting fluid *is used;*
(d) if this reply is not signed with blue ink and rubberstamped by Land Registry Official;
(e) if words are printed outside the frame box;
(f) if the reply does not contain the Land Registry letterhead
*and*
(g) if the last word of the reply given is not followed by the word 'END'.

+356 2560 9700
enquirieslandregistry@gov.mt
landregistry.gov.mt
116, Casa Bolino
Triq il-Punent
Il-Belt Valletta
VLT 1535



CG

# Reġistru tal-Artijiet

# Ċertifikat ta' Titolu

**'Casa Bolino' 116, Triq il-Punent, Valletta**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Applikazzjoni Numru:** | *201601036M* | **Proprjeta' Numru:** | *38001585* |
| **Applikanti** | *1* | **Ref:** | *LRA17/91LRA2816/14* |
| **Trasferiment parzjali mahduma fil-25/01/2016** | | **Approvata fil- 11/02/2016** | |

| **Numru ta' Identita'** | | **Isem U Kunjom** |
|---|---|---|
| *CB0006* | *O* | *Gvern ta' Malta* ** |

*Sehem shih.*

**Bazi**

*Permezz ta' kuntratt bid-data 19/12/1990 fl-atti tan-Nutar Miceli Vincent b'titolu Liberu u Frank kif ukoll kuntratt fl-atti tan-Nutar Diana Charles tat-30/06/2014.*

**Kummenti ohra:**

**Kummenti ohra fuq applikazzjoni numru** **201601036M**

*LRA 2544/15 - Korrezzjoni*

GOVERNMENT PROPERTY DIV:
AUBERGE DE BAVIERE
VALLETTA






Pjanta tas-sit **1:2500** *Site Plan*

0 m · 50 m · 100 m · 150 m · 200 m · 250 m

Gvern ta' Malta
**Reġistru tal-Artijiet**
*Casa Bolino, 116 Triq il-Punent, Valletta*

Government of Malta
**Land Registry**
*Casa Bolino, 116 West Street, Valletta*

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru tal-Mappa: *Map Number:* | 313570M | Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* | x = 43591<br>y = 75623 | Parti minn SS: *Extracted from SS* | 4275 | Data: *Date* | 26.06.2015 |

Perit *Architect*

Timbru tal-Perit *Architect's Stamp* — Perit Stefan Scotto, Management Department

Qies (metri kwadri) *Area (square metres)* Area – 6,283m² (circa)

Firma tal-Applikant *Applicant's signature*

*Dritt Mħallas* *Fee Paid*



CG

009497

Mgarr United Football Club

FORM E: 104973

REQUEST FOR AN OFFICIAL SEARCH AND/OR INFORMATION:

Number:

Payment:

Receiver:

RECEIVED
7 MAY 2025
LAND REGISTRATION AGENCY

## DESCRIPTION OF PROPERTY:

*Triq Andrea Deguara corner with Triq l-Istaguni, Corner with Triq l-Alwiza, corner with Triq il-Plejju, Mgarr, Malta*

## INFORMATION REQUESTED:

Whether the site is in a registration area?
Whether it is registered?
Whether there are any registered charges, and in favour of whom?
Whether there are any pending applications and in favour of whom?

REPLY TO BE FORWARDED TO:

**TO BE COLLECTED BY HAND.**

Doctor Joe Cilia
Notary Public, Malta

RISPOSTA ANNESSA
VIDE ATTACHED REPLY

16/5/25

Malcolm Pisani
Unit Co Ordinator
Land Registration Agency



CG

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only

009497




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m




Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

**Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet**
*116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta*

**Land Registration Agency**
*116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Nru tal-Mappa: *Map Number:* 387224 M | Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* x = 43580 y = 75569 | Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* 4275 | Data: *Date:* 21/03/2025 |
| Perit: *Architect:* | | Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* ≈ 9188m² | |
| Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:* C & K Architects & Civil Engineers +356 2132 0006 info@candkarchitects.com www.candkarchitects.com 27 St George's Street Gżira GZR 1336 Malta | | Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:* | |

**LR** 399418

Dritt imħallas *Fee Paid*

**Paġna 18 minn 29**

Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

DOK. LR1

CG

Dok. P



SITE AT TRIQ L-ALWIZA
c/w TRIQ IL-PLEJJU
MGARR
TRIQ ANDREA DEGUARA
TRIQ IL-LELLUX
TRIQ L-ALWIZA
TRIQ L-ISPIKA
TRIQ IL-PLEJJU
TRIQ IL-GANFRA
TRIQ IL-FELU
A
B
Scale 1:1,000
20 0 20 40 60 80 100 120 140 m
INTERPRETED FROM LR PLAN 359230E IN APPLICATION GOV1/2024/0463
Doc 'X'
C00587
Site Plan
S.S. 4275
Scale: 1:2500
Map Ref. X:43636 Y:75524 (ED50)
X:443578 Y:3975327 (WGS84)
N
A PROPERTY No.: E292980
AREA : 1,369m²
B PROPERTY No.: E20653
PREMISES ALREADY TRANSFERRED
TO SPORTS MALTA
LANDS Authority
Auberge de Baviere
St. Sebastian Str, Valletta
Phone (00356) 2295 3238/39/40/42
Website landsauthority.org.mt
Estate Management & Business Development
Locality: MGARR
P.D. No.: 2009_30_1
Scale: 1:1000
File No.: L/0137/1983
Drawn by: demir001
(sgd. J. Schembri)
(sgd. M. Bugeja)
A&CE
f/Chief Officer - Estate Management & Business Development
Date: 06/09/2024
Date: 06/09/2024




CG

DOK. P1


SITE AT TRIQ L-ALWIZA
c/w TRIQ IL-PLEJJU
MGARR
TRIQ ANDREA DEGUARA
TRIQ IL-LELLUX
TRIQ L-ALWIZA
TRIQ L-ISPIKA
TRIQ IL-PLEJJU
TRIQ IL-GANFRA
TRIQ IL-FELU
A
B
20 0 20 40 60 80 100 120 140 m
Scale 1:1,000
INTERPRETED FROM LR PLAN 359230E IN APPLICATION GOV1/2024/0463
Doc "X"
C00537
Site Plan
S.S. 4275
Scale: 1:2500
Map Ref. X:43636 X:443578
Y:75524 (ED50) Y:3975327 (WGS84)
N
A PROPERTY No.: E292980
AREA : 1,369m²
B PROPERTY No.: E20653
PREMISES ALREADY TRANSFERRED
TO SPORTS MALTA
LANDS
Authority
Auberge de Baviere
St. Sebastian Str, Valletta
Phone (00356) 2295 3238/39/40/42
Website landsauthority.org.mt
Estate Management & Business Development
Locality: MGARR
P.D. No.: 2009_30_1
Scale: 1:1000
File No.: L/0137/1983
Drawn by: demir001
(sgd. J. Schembri)
(sgd. M. Bugeja)
A&CE
f/Chief Officer - Estate Management & Business Development
Date: 06/09/2024
Date: 06/09/2024



CG

DOK.R

# MGARR UNITED
FOOTBALL CLUB
*Rahal Żgħir B'Qalb Kbira*

20-03-2025

## Committee Resolution

To
The CEO
Sportmalta

During the committee meeting held on the 20th March 2025 , the committee unanimously decided to request from Sportmalta the acquisition of property adjacent to the Mgarr Football Ground in Triq L-Alwiza marked in the attached siteplan with the President Emanuel Zarb , Secretary Christian Paul Muscat and Treasurer Joseph Vella being the authorized persons to sign the final contract.

Details of the personnel are the following:

| | | | |
|---|---|---|---|
| NAME: | EMANUEL ZARB | CHRISTIAN PAUL MUSCAT | JOSEPH VELLA |
| IDCARD: | 45063M | 314481M | 339662M |
| DOB: | 19-12-1962 | 20-05-1981 | 01-06-1962 |
| PLACE OF BIRTH : | GZIRA | PIETA | MGARR |
| ADDRESS : | 46 ZARB CRT FLT4<br>TRIQ IL-GHAJN<br>SWIEQI | 41 MUSCAT BLDG<br>TRIQ IL-KBIRA<br>MGARR | 134 STA MARIA<br>TRIQ S.H.LUKE<br>MGARR |
| FATHER NAME: | [illegible] | GERRARD | [illegible] |
| MOTHER MAIDEN: | [illegible] | SALVINA BORG | [illegible] |
| FATHER STATUS: | Dead | ALIVE | Dead |
| MOTHER STATUS: | Dead | ALIVE | Dead |
| MARITUAL STATUS: | MARRIED | MARRIED | MARRIED |

EMANUEL ZARB
PRESIDENT
**Mgarr United F.C**

CHRISTIAN PAUL MUSCAT
Hon.Secretary
**Mgarr United F.C**

JOSEPH VELLA
HON.TREASURER
**Mgarr United F.C**

8/10, Triq il-Maghkuba, Mgarr, Malta | info@mgarrutd.com | +356 2157 3391 | www.mgarrutd.com

ZARB BALLUT BLOCKS yellowmark SCS Frame BigMat GPC NRC

AFFILIATED TO THE MALTA FOOTBALL ASSOCIATION REGISTERED WITH SPORTMALTA



CG

**Mgarr United Football Club**
9/10 Triq il-Maghkuba,Mgarr Malta
Email: info@mgarrutd.com
Web: www.mgarrutd.com

*2nd June 2025*

To
The CEO
SportMalta
Head Office Cottonera Avenue Cospicua, BML9020

Dear Mr.Cutajar

I hope this email finds you well.

Following the recent committee meeting of Mgarr United F.C., held on June 2nd, 2025, the committee unanimously decided the following regarding the transfer of parcel of Land including the Mgarr Football Ground and the Mgarr Tennis Court and adjacent areas

"The Signatories are authorised to rescind the initial contract in Dr. Joe Cilia's records (Dated: 16/09/2011) , to appear for the acquisition by temporary emphyteusis for a period of 45 years of the whole property , so that another acquisition by temporary emphyteusis including the same land and other adjacent land is signed by the following Club Representatives and Signatories

| | | |
|---|---|---|
| Chris Muscat | Emanuel Zarb | Joseph Vella |
| Hon.Secretary | President | Hon.Treasurer |
| Mgarr United F.C | Mgarr United F.C. | Mgarr United F.C. |



CG

DOK. R1

Mgarr Tennis Club
Triq Il-Plejju,
L-Imgarr, Malta
MGR 2352
*Sportmalta Reg No – SM/C168*

Tel (+356) 79227474
E-mail mgarrtennisclub@gmail.com
Website www.mgarrtennisclub.com

RESOLUTION IN WRITING SIGNED BY ALL THE COMMITTEE MEMBERS OF MGARR TENNIS CLUB (HEREINAFTER REFERRED TO AS "THE CLUB")

At a meeting on 10 July 2025 at the Club House in Mgarr, the committee has discussed and resolved the following:

1. That the committee members who will appear and sign the deed with SportMalta will be the following:
   a. Kevin Paris
   b. Karl German

Kevin Paris (0312870M) President

Karl German (0444681M) Treasurer

Naomi Attard (0059688M) Secretary

Aleksandar Pevac (0156199M) Tournament coordinator

Venelin Georgiev (0343700L) Club Facilities Coordinator

This 10th day of July 2025



CG

**Mgarr Tennis Club**
Triq Il-Plejju,
L-Imgarr, Malta,
MGR2352

27 February 2025

**Committee Resolution**

During the committee meeting held on 27th February 2025, the committee unanimously decided to enter into an agreement with the Mgarr United Football Club to stipulate the collaboration between both clubs on future sports facilities projects.

It was also unanimously agreed that Kevin Paris (President) and Karl German (Vice-President) will be the authorised persons on behalf of Mgarr Tennis Club to sign the final contract scheduled to be signed on the 3rd of March 2025 as per the Club's statute.

Kevin Paris
President

Karl German
Vice President



CG

DOK. 5

***Johann Farrugia***
***B.E.& A. (Hons) M.Sc. (Proj. Mgmt) ~(Melit) A.+C.E. – EPC Evaluator***
***"L'Elysee'"***
***Triq Ta' Lanza***
***Zabbar***
***ZBR 3271***
***TEL : 21665650***
***FAX : 21827322***
***MOB : 79423084***

---

25th March 2025

**To whom it may concern**

## INTRODUCTION

I the undersigned architect and civil engineer declare to have reviewed the premises at Triq Andrea Deguara corner with Triq l-Istaguni corner with Triq l-Alwiza corner with Triq il-Plejju Mgarr Malta.

## SITUATION

The property in question is accessed through the above captioned roads and is situated inside the development zone of Mgarr.

The total area of the property is around nine thousand one hundred and eighty eight square metres.

The main use of the property is for sporting activity.

I have been informed that the property is freehold.

The property is currently utilised as a football pitch and adjacently there is also a clubhouse. On the bottom left hand side there is also a room utilised for the club's nursery.

The land to the right is a tennis court surrounded by a garden.



CG

***Johann Farrugia***
***B.E.& A. (Hons) M.Sc. (Proj. Mgmt) ~(Melit) A.+C.E. – EPC Evaluator***
***"L'Elysee'"***
***Triq Ta' Lanza***
***Zabbar***
***ZBR 3271***
***TEL : 21665650***
***FAX : 21827322***
***MOB : 79423084***

---

25th March 2025

**EVALUATION**

When considering all the above said and considering the location, condition and the fact that the premises are going to be used solely for sporting activities, I estimate their current market rental value to be that of:

**Ninety six thousand two hundred and fifty seven euro**

This evaluation takes into consideration the current market prices of similar properties in similar areas and that of similar properties in the same area. Moreover, due consideration has been given to the current labour prices in vigour on the island.

Best Regards



Johann Farrugia
Architect & Civil Engineer



CG

Dok. 51

SPORTMALTA

Date: 15-4-2025

## Request for calculation of valuation subsidy

As per SportMalta Lands Section SoP procedures kindly provide the section with the following values for the valuation performed on a pocket of land located in Mgarr Malta - Triq Andrea Debono, corner with Triq l-Istaguni, corner with Triq (attached with this document as annex 47):

1) Original Rental Value of property in question as indicated in Valuation:
€ 96,257

2) The value of the 95% subsidy offered by government for leases/ground rents on Sport Facilities:
€ 91,444.15

3) The 5% value of the Original Rental Value that is to be paid by the club to the accounts department every year:
€ 4,812.85

SPORTMALTA
Rebecca Saré
Finance Manager

Name of Accounts Officer tasked with carrying out the valuation calculation

[signature]

Signature

Head Office:
Cottonera Sports Complex, Cottoner Avenue,
Cospicua BML 9020 - Malta
Tel: (+356) 2203 6000
Website: www.sportmalta.org.mt
E-mail: info@sportmalta.org.mt



CG

DOK. X



**A.L. 178 ta' l-2009**

**ATT DWAR L-I*SPORTS***
**(KAP. 455)**

**Ordni ta' l-2009 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport***
**(Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru. 12)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-I*sports*, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2009 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru. 12). Titolu.

**2.** Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan assenjata għall-finijiet tat-tgawdija, pussess, użu u amministrazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet li jappartjenu għal dik il-proprjetà assenjata skond l-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-I*sports*. Proprjetà assenjata.

**3.** Il-proprjetà assenjata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita u tkun vestita fil-Kunsill Malti għall-I*sport* kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2009. Jum stabbilit.

**4.** Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzoni ta' proprjetà assenjata.

(i) Biċċa art (football ground u anċillari) fi Triq il-Plejju Mġarr, reġistrata bħala Tenement Nru: G28058, ta' madwar 6950 metru kwadru, li tmiss mill-Punent ma' Triq Andrea Deguara, mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u min-Nofsinhar ma' Triq il-Plejju kif delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2009_30.

(ii) Biċċa art (tennis courts) fi Triq l-Alwiża kantuniera ma' Triq il-Plejju, Mġarr, reġistrata bħala Tenement Nru: E20653, ta' madwar 820 metru kwadru, li tmiss min-Nofsinhar, mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern, kif delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2009_30.



CG

B 2364


FOOTBALL GROUND, TENNIS COURTS AND ANCILLARIES
MGARR
Tennis Courts
Football Ground
Site Plan
S.S. 4275
Scale 1:2500
Map Ref. 43529 75533
Football Ground
Property No: G28058
Area: 6,950m²
Property to be transferred to Kunsill Malti ghall-iSport.
Tennis Courts
Property No: E20853
Area: 820m²
Property to be transferred to Kunsill Malti ghall-iSport.
GOVERNMENT PROPERTY DIVISION
ESTATE MANAGEMENT DEPARTMENT
LOCALITY: MGARR
P.D. No: 2009_30
SCALE 1:1000
FILE: L. 137/83
(sgd. S. Scotto)
A&CE
DATE: 22/01/2009
(sgd. A. Mifsud)
Assistant Director Property
DATE: 22/01/2009
Checked on site January 2009
Scale 1:1000
150m



CG